**Minuti tal-21 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar l-Erbgħa 2 ta' Novembru 2016 fil-5:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Segretarju semma li fuq l-applikazzjoni li kienet saret tal-European Mobility Week il-proposta li tressqet għall Kumitat Amministrattiv ma kinitx milqugħa. Is-Segretarju reġa semma x' kienet tikkonsisti l-proposta u li anki kien spjega fuq mistoqsijiet li kien hemm minn naħa tat-Transport Malta. Is-Segretarju saqsa lill-membri tal-Kumitat jekk kellhomx xi proposti differenti x' nistgħu nressqu darb' oħra.

2.2 Is-Sur. Gatt saqsa meta konna se niltaqgħu mal-Onor. Schembri. Is-Segretarju qal li l-aħjar jekk isibu data ħalli jkun jista jipproponiha sabiex isir meeting.

**3. KORRISPONDENZA**

3.1 Is-Sur. Saliba saqsa meta kienu se jsiru l-blokok tal-Housing Estate u l-ħadid li kellu jsir wara l-Kappella. Is-Segretarju qal li huwa kien bagħat email lill-Housing fuq dan il-każ u lil minn kien bagħatha għadu mingħajr risposta. Huwa qal li se jerġa jibgħat reminder bil-miktub.

3.2 Is-Segretarju wera email li kien bagħat lill-Onor. Dr. Deborah Schembri u lill-Ispettur Cini fuq is-sitwazzjoni tal-liwja ta' Triq Wied in-Noqor. Huwa qal li dan l-aħħar is-sitwazzjoni hawnhekk kienet kompliet iggravat għax minn qed jagħmel użu minn din iż-żona kien tefa ħafna imbarazz u anki qed jingombra l-post. Is-Sur. Saliba qal biex issa nagħtu ftit żmien u nibgħatu reminder fuqha.

3.3 Is-Sur. Gatt semma li kien hemm mera fi Triq il-Qasam Sperimentali li kienet miksura u ma nbidlitx. Is-Segretarju qal li se jara fuqha peress li hawnhekk kienu diġa inbiddlu xi mirja. Is-Sur. Gatt qal ukoll li hemm bżonn li jkun hemm Pulizija fejn hemm Triq Ħal Farruġ peress li qed jipparkjaw il-containers u dawn ikunu ta' periklu għall minn issuq minn hemm.

3.4 Is-Segretarju semma li s-Sindku kien ġab xi vjaġġi tal-ħamrija u ġew mitfugħa fiż-żona ta' maġenb il-Family biex l-art tkun naqa mwittiha. Huwa qal li din għalissa se tkun biex tagħti dehra isbaħ.

3.5 Is-Sur. Saliba saqsa kif konna se nibqgħu fuq Triq Wied in-Noqor peress li din kienet imkissra. Is-Sur. Gatt semma li darba intqal li hawn kien se jsir minn naħa tat-Transport Malta bħala water culverts. Is-Segretarju semma li meta kienet saret stima tat-Triq kollha din ammontat madwar € 150,000. Huwa qal li l-Kunsill żgur ma jistax jidhol għall spiża simili.

3.6 Is-Sur. Saliba semma jekk jistgħux isiru l-bus shelters fejn hemm Triq il-Masġar u Triq l-Egrett Isfar f' Ħal Farruġ peress li hawn l-istages. Is-Segretarju qal li hawn nistgħu nressqu proposta lit-Transport Malta imma semma li l-uffċċjali tat-Transport Malta stess infurmawhom li huma kellhom xi problemi mal-kuntrattur li kien jagħmilhom li jmorru lura snin.

3.7 Is-Sur. Saliba semma kif jista jiġi organiżżat tindif fil-parti ta' wara tal-Komunita ta' Santa Marija fejn hemm ħafna siġar. Is-Segretarju semma li hawnhekk nistgħu ngħidu lil Transport Malta jew lil Cleansing biex jieħdu ħsieb huma peress li hawn tal-Gvern.

## 4 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 2 ta' Novembru 2016 fis-6.30 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| Raymond Saliba | Michael Portelli |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |